## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Lulju 2006 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Awissu 2006 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 ta' Settembru 2006 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 17 ta' Settembru 2006 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Ottubru 2006 fil-5.00p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (**bil-Malti u bl-Ingliż**) kif ukoll domni, **keychains** u kuruni bixxbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 67 LULJU 2006 JITQASSAM BLA ĦLAS

## DUN NAZZAREN IQADDES FIL-GIRGENTI



Eżatt tliet snin wara li Mons. Buontempo kien qaddes l-ewwel quddiesa fil-Girgenti, din il-grazzja, bix-xieraq, messet ukoll lil Dun Nazzaren Tonna, id-Direttur Spiritwali tagħna. Kien proprju fid-19 ta' Marzu 2006 li l-Girgenti tqaddset it-tieni quddiesa bil-permess ta' l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca.

Ma setax jonqos li fil-bidu ta' din iċ-ċelebrazzjoni, Dun Nazzaren jagħmel ir-ringrazzjamenti tiegħu. Filfatt hu qal hekk: "Grazzi Mulej Alla tagħna, grazzi Mqaddsa Omm Alla Marija li twassal talbna għand ibnek Ġesu, grazzi mqaddes Ġużeppi li fil-festa għażiża tiegħek inti ipprovdejtilna hawn, dan il-maqdes li tant hu għal qalbna, sabiex niċċellebraw b'fidi, b'tama u b'mħabba sinċiera is-sagrifiċċju tal-quddiesa, rahan ta' l-akbar għożża u barka tas-sema fejn mingħajr dubbju qed ukoll tinterċedi għalina quddiem Alla oħtna, it-twajba Ġuża Mifsud. B'tant konvinzjoni ta' twemminha u ta' hidmitha interċediet żgur

għalina quddiem Alla u għall-kotra ta' ħutna li ninġabru hawnhekk darbtejn fix-xahar sabiex isseħħ ir-rieda ta' Alla...

Din il-quddiesa llum ser noffruha bħala ringrazzjament lil Alla u nitolbu għall-Arċisqof li dam jgħidli ħafna, 'qis li titolbu għalija f'din il-quddiesa li tajtkom.' Għalkemm l-Arċisqof qalli għalissa darba, imma ngħidulu grazzi lill-Bambin... dawn huma kollha sinjali sbieħ għall-futur, għall-ġejjieni ta' sliem, ta' paċi, ta' kuntentizza, għal dak kollu li kienet tagħmel u li kienet tgħidilna oħtna Ġuża..."

Waqt l-omelija Dun Nazzaren qasam il-ħsibijiet tiegħu dwar il-qari ta' dakinhar, li kien it-tielet Ħadd tar-Randan u fost affarijiet oħra qal hekk:

"Ser nagħmel patt ma dak li jiena niddependi minnu. Hu ser jagħmel patt miegħi, patt ta' mħabba, patt ta' paċenza, patt illi dan għandu jseħħ. U Ġesu qiegħed jitlob minna illi l-patt tagħna jkun mill-aħjar li nistgħu, sinċier. Jekk m'hemmx sinċerita', qatt ma hu ser ikollna l-paċi f'qalbna.

U għax Alla jħobbni, Alla tani, urieni, dawwalni minn fejn għandi nimxi fit-triq tiegħi sa ma nasal għandu. Tani għaxar kmandamenti, tani liġi mimlija mħabba, mimlija qdusija, mimlija ferħ u nisma' lil Alla, lil Ġesu jgħidli, "Agħmel dan u inti salv. Obdini, afda fija u jiena sa ngħinek ħafna, ser ngħinek fil-ferħ, ser ngħinek fil-biki, ser ngħinek meta inti ma jkun jonqsok xejn, ser ngħinek meta inti fil-paċi u donnok ma jonqsok xejn, ser ngħinek meta inti mimli bil-problemi, taqtax qalbek, afda fija, bħalma ommi qalek lil qaddejja ta' Kana, 'Agħmlu dak li jgħidilkom ibni,' ħalli nkun jiena li nsib tarf il-kobba mħabbla għalikom u intom terġgħu issibu l-ferħ tagħkom."

Il-Ħadd li għadda qrajna fuq l-għolja tat-Tabor... Pietru qallu lil Ġesu, "Mulej agħtina permess biex nibnu tliet għerejjex, wieħed għalik, wieħed għal Mose u l-ieħor għal Elija." Lil Mose taħ il-liġi... u lilna tana t-talb biex inkunu nistgħu ngħixu l-liġi, għax mingħajr talb ma nagħmlu xejn: mingħajr tama, mingħajr fiduċja, mingħajr fidi m'aħna xejn. Imma jekk għandna l-fidi famuż, għaliex għandna t-tama u għandna l-imħabba u naqalgħu żgur bħalma qlajna...

Ir-riflessjoni tiegħi, ta' l-aħħar hija din: Meta Ġesu daħal fit-tempju u ra it-tempju kif kien qed jintuża għamel sawt tal-ħbula u keċċiehom. Veru li kien qed jgħid għat-tempju tal-ġebel, imma Ġesu lilna qiegħed jgħidilna: Ftakru fit-tempju tagħkom ħalli meta tiġu għandi issibuni u jiena nserraħkom, u jiena ngħidilkom bravi. Jiġifieri dawk li Ġesu keċċa mit-tempju, dawk ma kienux qegħdin jistmaw it-tempju bħala d-dar ta' Alla, hekk ukoll lilna. Aħna biex inkunu ta' Alla, biex inkunu verament it-tempju ħaj ta' Alla l-imbierek irridu nitnaddfu minn ġewwa.

It-tempju tagħna mimli b'ħafna affarijiet li rridu nitnaddfu minnhom: l-għira,



il-mibgħeda, il-kliem żejjed, ħsibijiet, nuqqas ta' paċenzja, li ma mmorrux xi quddiesa, li nitkellmu fuq il-proxxmu tagħna, illi ngergru, illi ngħidu fuq dak... irridu nitnaddfu ħuti, ħalli t-tempju ta' Alla jkun sabiħ, ħalli Ġesu meta jiġi u jgħammar fina jsibna verament tempju li jixraq lilu, li jidħol fina u aħna nkunu nistgħu nidħlu fih bħalma qalilna hu permezz ta' l-Ewkaristija.

Importanti wkoll, jiena nħoss ħuti, t-tagħlim li kienet tagħtina Ġuża Mifsud oħtna, illi hija l-fundatriċi tal-Moviment tagħna, illi Alla l-imbierek inqeda biha sabiex verament twassal l-aħbar it-tajba lil poplu ta' Alla. Mis-sema żgur li qegħda tieħu pjaċir bina, titlob għalina, tinterċedi għalina, tgħinna fl-appostolat tagħna u fl-istess ħin ukoll qegħda tgħidilna, "Tinsewx x'kont ngħidilkom jien. Ħobbu lil Alla, obduh lil Alla, kunu devotissimi ta' Marija u ta' Ġużeppi ħalli dawn ikunu fil-familji tagħna." Il-familji tagħna ħafna drabi jsibu d-dlam għax inneħħu l-ispirtu ta' Alla, imma jekk irridu l-familji tagħna jkunu mberkin minn Alla l-imbierek inżommu l-familja tagħna bħalma Marija u Ġużeppi kienu jżommu lil Ġesu. Meta għandna lil Ġesu magħna, id-dar tagħna ser titbierek minnu u nsibu s-sliem u l-paċi..."

Kienet quddiesa sabiħa ħafna, l-attendenza numeruża u lkoll qsamna flimkien mumenti intensi ta' talb f'għaqda sħiħa ma' Alla u l-qaddisin kollha.

## L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU

Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2006, fil-Girgenti, ġie mfakkar l-għoxrin anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk. Bħal kull sena l-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ min tarf it-triq il-qadima, eżatt minn fejn għoxrin sena qabel kienet telgħet fuq l-ispallejn l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti. Matul dan il-pellegrinaġġ, in-nies miġbura mxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna u b'devozzjoni rreċitaw ir-rużarju tat-tbatija li fost intenzjonijiet oħra ġie offrut b'ringrazzjament lil Alla ta dawn l-għoxrin sena kif ukoll għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu, għall-konverzjoni tal-midinbin u għal paċi fid-dinja.

Il-laqgħa kienet indirizzata minn Fr. Reno Grech, Ġiżwita, li ta rendikont qasir tal-ħajja ta' Ġuża Mifsud, l-esperjenzi personali l-aktar importanti li għaddiet minnhom matul il-ħajja tagħha, id-dehriet tal-Madonna, x'wassal għat-titoli Madonna tal-Konsagrazzjoni u tal-Girgenti kif ukoll it-twaqqif ta' l-istatwa tal-Madonna hemmhekk.

Huwa wkoll spjega kif lill-Madonna nsejħulha b'diversi titoli u li bit-titolu Madonna tal-Konsagrazzjoni għandna nifhmu li l-Madonna kienet

moghtija kompletament għall-qadi ta' Alla. Qal li aħna wkoll ikkonsagrati bil-magħmudija u lkoll għandna missjoni speċifika skond is-sejħat li jagħmlilna Alla.

Qal li f'Malta għandna ħafna paroċċi u festi fl-ibliet u l-irħula tagħna ddedikati lill-Madonna taħt xi titolu (Madonna ta' Lourdes, Fatima, Tal-Grazzja, Tat-Triq, eċċ.) u kull titolu juri xi intervent jew aspett mill-kwalitajiet tal-Madonna. Spjega kif it-titoli huma kollha sbieħ u jgħinuha nqimu lill-Madonna taħt xi aspett jew ieħor. L-importanti huwa li nifhmu li t-titoli differenti huma kollha ndirizzati għall-istess persuna u huwa ħasra jekk nintrabtu jew nieqfu fuq it-titolu u ninsew lill-persuna, bħal min jgħid li hu jżomm mal-Madonna taħt titolu u jmaqdar lil ħaddieħor għax iżomm mal-Madonna b'titolu ieħor. Dan m'għandux ikun għaliex id-devozzjoni vera lejn il-Madonna hi meta nirrispettaw it-titoli kollha tal-Madonna.

Matul din il-laqgħa wkoll nstemgħet il-vuċi ta' Ġuża f'silta minn messaġġ li kienet irrekordjat fuq cassette, liema messaġġ jinsab fis-seba' ktieb u li fl-intier tiegħu kien inqara waqt il-laqgħa ta' Frar 1997. Apparti minnhekk saret ukoll il-viżita lill-Madonna, iċ-ċerimonja tal-qanpiena u ntqalu t-talbiet tal-Konsagrazzjoni, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel.

F'din il-laqgħa pparteċipa wkoll il-kor ta' Santa Monica immexxi minn Sr. Beniamina Portelli. L-għażla ta' l-innijiet, il-vuċijiet sublimi tal-membri u d-direzzjoni ta' Sr. Beniamina komplew jagħmlu minn din il-laqgħa waħda memorabbli u xierqa lil Ommna Marija. Il-laqgħa spiċċat bil-barka saċerdotali minn Dun Nazzaren Tonna u Fr. Reno Grech.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nizzik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGHA

**M. Grech** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud. Ir-raġel tagħha għamel operazzjoni tal-kataretti u rnexxietlu.

**F. Agius minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. In-nepputi tagħha, Kurt, kellu boċċa f'rasu iżda meta marru għand il-Professur dan qalilhom li t-tifel ma għandu xejn.

**Vivienne minn Birżebbuga** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja lil qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Kienet inkwetata ħafna għax ħasbet li f'għajnejha kellha xi ħaġa serja. Talbet bil-ħerqa u rriżulta li ma kien hemm xejn minn dak li ħasbet.

**M.C.V. minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud. Hija kitbet hekk: "It-tifla kien ilha sentejn tistenna biex tagħmel l-operazzjoni tal-ġebla. Ġurnata waħda għidt, 'Ħa nitlob lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud u żgur jgħinuha.' U hekk ġara għax wara ftit bdiet il-preparazzjoni għall-operazzjoni. L-operazzjoni saret u kollox mar sewwa."

**Silvio Mifsud minn M'Scala** kitbitlna hekk: "Nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni ma ħariġx iżjed minn fommi kliem li jweġġa' lil Alla u lill-Madonna. Minflok illum infaħħar lil Alla u lill-Madonna kontinwament. Grazzi Madonna ta' dan il-fejqan spiritwali."

**John Parnis minn Birżebbuga f'Marzu 2006 irrakkonta dawn iż-żewġ esperjenzi:** Ommi, Karmena Parnis li għandha ħamsa u tmenin sena qabadha uġigħ kbir. Meta kellmet lit-tabib dan bagħtha l-isptar għat-testijiet peress li hi qabel kienet tbati minn cancer u t-tabib ħaseb

li reġa' feġġ. Mit-testijiet irriżulta li kellha biss id-demm baxx u ma kellu x'jaqsam xejn mal-cancer. Filfatt ġiet lura għan-normal. Dan ġara bejn wieħed u ieħor tliet xhur ilu.

Xi żmien ilu bdejt inħoss imnieħri mblukkat u uġigħ il fuq minn għajnejja. Mort l-isptar, fid-Dipartiment ta' l-Outpatient u hemmhekk qaluli li għandi l-qarnit li kien kbir u li kien qed jaffettwali n-nifs. It-tabib qalli li għandi bżonn ta' operazzjoni u ried jagħmilli appuntament ma' l-ispeċjalista Grixti Soler. Sadanittant jiena kont nitlob lill-Madonna u nagħmel l-ilma minn tal-Girgenti.

Meta mort għand l-ispeċjalista, dan staqsieni x'mediċina qed nagħmel u jien għidtlu li xejn ħlief ilma minn tal-Madonna. Erġajt mort it-tieni darba biex jara x'ser jiġri u qalli l-qarnit qed jinxef waħdu u li ma għandix bżonn l-operazzjoni. Għalkemm tani l-ispray jiena lanqas nużah.

Nirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**Amanda Brincat mill-Marsa kitbet dan ir-rapport:** Jiena Amanda Brincat, omm Dean, niddikjara li l-ewwel sitt xhur tqala kienu normali. Kont nagħmel l-ultra sound ta' kull xahar u fis-sitt xahar it-tabib Magalli nduna li kelli ħafna ilma ġo żaqqi. Minn hemm bdew ħafna testijiet biex jaraw minn fejn ġie dan l-ilma u x'effett jista' jħalli fuq it-tarbija. Wara ħafna eżamijiet irriżulta li kont ħadt virus u l-konsegwenzi kienu li t-tifel trabbielu xi ilma ġo rasu.

Nammetti li t-tobba qalulna li dan l-ilma jista' jmur waħdu, iżda kemm aħna l-ġenituri u anka membri oħra tal-familja, nkwetajna u għalhekk tlabna ħafna biex jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid.

Iz-zija tar-raġel, Jane Agius, mis-Siġġiewi, tattendi għal-laqgħat ta' talb li jsiru l-Girgenti f'ġieħ il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Hi talbet ħafna għalih, saret intenzjoni għalih waqt il-laqgħat ukoll u anka ġabitli labtu tal-Madonna li jiena kont inpoġġi ma żaqqi. B'fidi kbira kienet tgħidilna li hi konvinta li l-ilma se jinxef.

Fil fatt hekk ġara, meta twieled Dean fis-16 ta' Novembru 2005 sarulu ħafna testijiet u rriżulta li l-ilma ma kienx għadu hemm, kien nixef.

Nirringrazzjaw lil Alla li sema' talbna. Glorja u tifħir għal dejjem.



**Jane Agius mis-Siġġiewi kitbet hekk:** Jiena nirringrazzja lil Alla tal-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' San Piju. Kont muġugħa ħafna b'dahri u ma kontx nista' niċċaqlaq. Tlabt lill-Madonna u lil San Piju biex jinterċedu għalija quddiem Alla. Jiena b'fidi kbira tlabt lil Alla u għidtlu li hu jista' jfejjaqni bħalma kien fej-jaq lill-mara li kienet misset il-libsa ta' Ġesu u Alla fejjaqni. Glorja u tifħir lilek O Alla.

**P. Sant mir-Rabat kitbet hekk:** Jiena, r-raġel u t-tifla ġejna nitolbu quddiem il-Madonna tal-Girgenti u magħna ġibna lit-tifel tat-tifla biex nitolbu għalih. Kien ġara li dan it-tifel li għandu tliet snin, minn lejl għal nhar beda jtemtem ħafna. It-tobba qalulna li ma jista' jsir xejn. It-tabib tal-familja qalilna li jekk ma jgħaddilux sa sitt snin, wieħed imbagħad jara x'jista' jagħmel. F'każi bħal dawn hemm min jgħaddilu u hemm min le.

Jiena nkwetajt ħafna u tlabt lill-Madonna tal-Girgenti. Tlabtha biex tgħinni u għidtilha li jekk it-tifel ifieq sa tliet xhur, jiena kont lesta li nikteb din il-grazzja biex inxerred aktar devozzjoni lejha. It-tifel fieq f'seba' ġimgħat! Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud li waqqfet dan il-post qaddis.

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Kif inkiteb fl-aħħar fuljett, fil-laqgħa tat-tielet Ħadd ta' Settembru jerġa' jmiss li ssir l-Assemblea Ġenerali sabiex fost affarijiet oħra jinħatar Kumitat ġdid għall-perjodu 2006-2009. Żgur li minn dawk li jiffrekk-wentaw il-Girgenti hemm min lest jiddedika ftit ħin sabiex darba fix-xahar niltaqgħu flimkien, naqsmu l-idejat tagħna u nieħdu d-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn. Tgħidux li m'intomx kapaċi jew li ma ssibux ħin. Ħin għal kollox insibu u jekk il-Madonna qegħda tħabbtilna fuq qalbna żgur li għax hi aktar minna taf li nistgħu inkunu ta' għajnuna bil-kontribut tagħna.

Inħeġġeġ lil dawk interessati sabiex mill-aktar fis ikellmu lis-Seg-retarja Dr. Sylvana Spiteri jew lil xi membru tal-Kumitat għal aktar dettalji.